# Grammatika għall-Ħames Sena tal-Primarja

**Eż. 1 - Imla din it-tabella bil-gradi tal-aġġettivi**

| Aġġettiv | Komparattiv | Superlattiv |
|---|---|---|
| | | l-akbar |
| sabiħ | | |
| | itjeb | |
| dejjaq | | |
| | eħxen | |

**Eż. 2 – Nomi minn Verbi**

| Verb | Nom minn Verb |
|---|---|
| jaħtaf | ħatfa |
| tbid | |
| twieldu | |
| isibu | |
| tħobb | |
| tiżen | |
| tajr | |
| noħroġ | |

**Eż. 3 – Nomi Kollettivi**

Aħna ngħidu **ġilba** ħut meta jkun fil-baħar u **kavetta** ħut meta jkun għall-bejgħ jew ġo xi kaxxa. Imla l-vojt:

| | |
|---|---|
| | nemel |
| | raba' |
| | għasel |
| | ilma |
| | baħrin |
| | ħobż |



**Eż. 4 – Aqsam il-kliem fil-kaxxi bejn Plural Sħiħ u Plural Miksur**

| Plural Sħiħ | Plural Miksur |
|---|---|
| | |
| | |
| | |
| | |
| | |
| | |

kuluri
sikek
żwiemel
bajd
ħlejjaq
stilel
granċijiet
fkieren
qlub
xewk
skollijiet
predaturi

LIVEWORKSHEETS

**Eż. 1 - Ikteb kliem flok numri**

**(Sentenzi meħudin mill-ktieb Ħlejjaq tal-Baħar https://octavo.app/en/obooks/hlejjaq-tal-bahar/chapters/1/pages/4)**

Jeżistu madwar (20) _____________ speċi ta' lizz. L-akbar speċi tikber sa (2) _________ metri u tiżen madwar (50) ___________ kilogramma. Jeżistu wkoll madwar (2,000) ___________ speċi ta' stilel tal-baħar. Mhux l-istilel kollha għandhom (5) __________ iswaba'. Xi speċi għandhom anke (40) _________ suba'. Għandhom għajn f'tarf kull suba' u kapaċi jgħixu sa (35) ________________ sena. Ir-rizzi jgħixu sa (30) __________ sena iżda r-rizza l-ħamra tgħix sa (200) ___________ sena. Id-daqs tar-rizza hu bejn wieħed u ieħor (3) __________ u (10) ________________ ċentimetri. Il-granċijiet ilhom magħna (200) ____________ miljun sena u nsibu aktar minn (4,500) _____________________________________ speċi. L-akbar speċi ta' granċ fih (5.5) _____________________ metru. It-tqala tal-granċijiet ddum bejn ġimgħa u tnejn u l-mara tbid bejn (1,000) _____________ u (2,000) ______________ bajda. Il-fkieren ilhom fid-dinja iktar minn qabel id-dinosawri—aktar minn (220) ___________________ miljun sena. In-nisa jirritornaw fl-istess bajja fejn twieldu biex ibidu l-bajd... anke wara (30) ______________ sena jirnexxielhom isibu l-bajja! Il-fkieren tal-baħar jgħixu madwar (80) _____________________ sena. Il-morina hija ħuta karnivora u tħobb tiekol ħut, qarnit, klamari, siċċ, granċijiet, molluski u l-bqija. Id-daqs tal-morina jvarja bejn (15) ____________ -il ċentimetru u (5) ___________ metri. Il-qarnita hija invertebrata u kapaċi tgħaddi minn positjiet dojoq ħafna. Insibu madwar (300) ________________________ speċi ta' qarnit.



LIVEWORKSHEETS